Minuti tal-Laqgħa Nru. 3 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal-Farruġ fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 6 ta' Ottubru 2010 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | il-Membri |
| Ic-Chairperson | Is-Sur Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur Kerstin Gatt<br>Is-Sur Martin Borg<br>Is-Sur Raymond Ellul<br>Is-Sur Gejtu Calleja |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

## **AĠENDA**

1. Qari tal-minuti tal-laqgha ta qabel.
2. Punti mqajjma mill-minuti.
3. Football ground ġewwa Ħal Farruġ.
4. Attendenza
5. Xogħolijiet
6. Other matters.
7. Eghluq il-laqgha.

1. QARI TAL-MINUTI

1.0 Il-membri preżenti tal-Kumitat Amministrattiv qraw il-minuti tal-laqgħa preċedenti. Peress li ma kienx hemm korezzjonijiet jew punti mqajjma mill-minuti preċedenti il-laqgħa mxiet għal item li jmiss.

2. PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.0 Is-Sur. Calleja semma li t-tindif tal-water culverts għadu ma sarx u kien hemm problema bl-ilmijiet fiż-żona ta' Ħal Farruġ.

3.0 FOOTBALL GROUND ĠEWWA ĦAL FARRUĠ

3.1 Ic-Chairperson semma li kien hemm għajdut li l-ground kien ġej fejn iż-żona residenzjali viċin tad-djar. Huwa kompla jsemmi li kienet saret laqgħa mas-Segretarjat responsabbli mil-isports fuq dan il-każ. Is-Sur. Borg qal li hu kien preżenti għal din il-laqgħa u ingħataw informazzjoni fuq fejn dan ġej. Huwa qal li dan ġej fejn hemm iż-żona ta qabel ma tibda r-runway.

3.2 Is-Sur. Calleja flimkien mas-Sur. Ellul qalu li ma jaqblux ma din id-deċiżjoni li jsir il-ground. Ir-raġuni kienet li fl area imsemmija hemm ħafna siġar bħalissa u dan ifisser li biex issir dan il-proġett se jinqerdu. Huma ssuġġerew biex terġa issir kommunikazzjoni ma dan is-Segretarjat u li huma lesti biex jiġu jressqu l-opinjoni tagħhom.

3.3 Is-Sur. Borg semma li jekk issir dan il-proġett din iż-żona se tkun qed tintuża aħjar mill-istat preżenti li tinsab fih.

**Is-Sur. Kerstin Gatt ġie fil-5.30 p.m.**

3.4 Il-membri preżenti wara li ressqu l-opinjonijiet tagħhom għaddew għal votazzjoni biex tiġi deċiża jekk il-Kumitat jerġax jitkellem mas-Segretarjat fuq dan il-każ. Favur kien hemm ic-Chairman, Viċi Chairman, is-Sur. Gatt, u s-Sur. Calleja filwaqt li s-Sur. Borg kien kontra. Għalhekk ġie deċiż biex is-Segretarju jibgħat email u ssir laqgħa s-Segretarjat fuq dan il-każ.

4. ATTENDENZA

4.1 Is-Segretarju semma li qed jammira li l-membri qed ikunu iktar preżenti waqt il-laqgħa. Huwa semma li għalkemm għal xi membri huwa diffiċli biex dawn jattendu huma xorta għandhom jagħmlu l-għalmu tagħhom. Huwa ressaq is-suġġeriment biex id-data tal-laqgħa segwenti għandha tiġi deċiża waqt il-laqgħa kif ikun hemm kulħadd preżenti.

5. XOGĦOLIJIET

5.1 Is-Segretarju informa li waslu ħaddiema li se jkunu assenjati fuq Ħal Farruġ mill-ETC. Huwa ssuġġerixxa li peress li l-membri stess jistgħu jiltaqaw ma bżonnijiet ta xogħolijiet huma għandhom jagħtu dawn lic-Chairman biex dawn jgħaddihom lis-Segretarju u jsir ix-xogħol li hemm bżonn.

5.2 Ic-Chairman saqsa lis-Segretarju jekk saritx l-applikazzjoni biex issiru residential parking fi Triq San Vinċenz, minħabba li r-residenti qed issibu problema biex jipparkjaw hemmhekk minħabba li qed ikun hemm persuni oħra jużaw il-parkeġġi waqt li jkunu hemm għax xogħol. Is-Segretarju wieġeb li kien għamel din l-ittra kif kien hemm istrutt.

5.3 Is-Sur. Borg tkellem fuq laqgħa li kienet saret ma Transport Malta quddiem is-Sur. Kevin Zahra. Is-Sur. Zahra kien qal li hem mil-ħsieb li ssir rotta li tgħaddi ġewwa Ħal Farruġ pero jekk ikun hemm petizzjonni din iktar ikollha saħħa. Huwa semma li bħalissa qed issir din il-petizzjoni mal-membri li joqogħdu Ħal Farruġ u kif din tkun lesta tgħaddi għand l-Awtoritajiet konċernati.

5.4 Ic-Chairperson ressaq żewġ kwotazzjonijiet oħra li nġiebu rigward ir-railing li huwa ppjanat biex issir fejn il-flats ta wara l-knisja. Huwa qal lis-Segretarju biex dan il-proġett jitmexxa u jsir.

6. OTHER MATTERS

6.1 Ic-Chairman semma li kienet qed issir ittra min naħa tal-membru parlamentari is-Sinjura Marie Louise Coleiro Preca fejn hi kienet qed tgħid li qed titħabbat biex tinġieb ir-rotta ġewwa Ħal Farruġ. Huwa ssuġġerrixxa biex issir ittra oħra bħala risposta għaliha lir-residenti fejn jiġi spjegat li din ir-rotta qed tinħoloq bil-ħidma tal-Kunsill Lokali ta’ Ħal Luqa u l-Kumitat Amministrattiv ta’ Ħal Farruġ.

Konfermati llum ______________________ 2010.

| | |
|---|---|
| Raymond Saliba<br>Chairperson | Michael Portelli<br>Segretarju Eżekuttiv |